MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 986/2006

**Diane Gatt**

**vs**

**Rennie Attard**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Diane Gatt fejn din, wara li ppremettiet illi:

L-esponenti, flimkien mal-konvenut huma koproprjetarji f’sehem ugwali tal-appartament internament markat bin-numru hdax (11), formanti parti minn blokk bini bla numru maghruf bhala Blokk ittra “F” fi Triq il-Peprin, Santa Lucia, inkluz sehem fil-proprjeta’ tal-partijiet komuni tal-blokk u bid-dritt ta’ uzu tal-bejt.

Din il-proprjeta’ nxtrat permezz ta’ kuntratt datat sittax (16) ta’ Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) u ppubblikat fl-atti tan-nutar Dr. Marco Buttigieg.

L-esponenti ma tridx tibqa’ fi stat ta’ koproprjeta’ mal-konvenut.

Il-konvenut, debitament interpellat sabiex jersaq ghall-qasma tal-proprjeta’ baqa’ qieghed jirrifjuta u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri;

Talab il-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tordna d-divizjoni tal-appartament markat bin-numru hdax (11), formanti parti minn blokk bini bla numru maghruf bhala Blokk ittra “F” fi Triq il-Peprin, Santa Lucia, inkluz sehem fil-proprjeta’ tal-partijiet komuni tal-blokk u bid-dritt ta’ uzu tal-bejt.

F’kaz li l-proprjeta’ m’hijiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh b’licitazzjoni prevja l-hatra ta’ perit sabiex jaghmel il-valutazzjoni taghha, u l-qasma tar-rikavat bejn il-kontendenti skond is-sehem li kull wiehed ghandu fiha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji li ntbghatu, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm notifikat, l-intimat baqa’ ma pprezenta ebda twegiba.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Frar 2008, fejn il-partijiet qablu li l-proprjeta’ in kwistjoni ghandha valur ta’ €93,175 u tappartjeni liz-zewg kontendenti fi kwoti ugwali bejniethom.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet kienu gharajjes u riedu jixtru dar. Ma kellhomx lanqas bizzejjed flus biex jaghmlu d-depozitu rikjest mill-bank. L-attrici ppruvat illi

sselfet l-ammont ta’ Lm2500 minghand il-familjari taghha, li xehedu u kkonfermaw dan. Jirrizulta ukoll illi dawn l-ammonti gew imhallsa lura mill-attrici lil niesha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tiddikjara li l-fond de quo m’huwiex komodament divizibbli; tordna l-bejgh b’irkant tal-fond Nru. 11, formanti parti minn blokk bini bla numru maghruf bhala Blokk F fi Triq il-Peprin, Santa Lucia, inkluz sehem fil-proprjeta’ tal-partijiet komuni tal-blokk u bid-dritt ta’ uzu tal-bejt; dan bil-partecipazzjoni ta’ oblaturi estranei u tordna li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, dan wara li jithallas il-Bank kreditur u wara li l-attrici tithallas l-ammont ta’ €5,823 ekwivalenti ghal Lm2,500.

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------